



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 6 ta' Diċembru 2007 (11.12)
(OR. en)**

**16096/1/07
REV 1**

**RECH 422
EDUC 222
COMPET 426**

RIŻULTAT TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali

Nru dok. preċ. 15007/07 RECH 358 EDUC 212 COMPET 378

Suġġett: Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-immodernizzar ta' l-universitajiet għall-
kompetittività ta' l-Ewropa f'ekonomija tal-konozzenza globali
– adozzjoni ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill kif adottata mill-Kunsill
Kompetittività fit-23 ta' Novembru 2007.

RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

ta' 23 ta' Novembru 2007

**dwar l-immodernizzar ta' l-universitajiet għall-kompetittività ta' l-Ewropa f'ekonomija
globali ta' konoxxenza**

(2007/C XXX/YY.)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR l-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif imniżżel fl-anness għal din ir-Risoluzzjoni:

JAFFERMA MILL-ĠDID:

1. Il-ħtieġa ta' avvanz biex jiġu mmodernizzati l-universitajiet ta' l-Ewropa, waqt li jiġu indirizzati r-rwoli interkonnessi tagħhom fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, bħala element ċentrali ta' l-impetu ta' l-Ewropa biex toħloq soċjetà u ekonomija bbażati fuq il-konoxxenza u biex ittejjeb il-kompetittività tagħha;
2. L-importanza li jitkabbru l-opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja, li jitwessa' l-aċċess għall-edukazzjoni oġhla għal studenti mhux tradizzjonali u adulti u li tiġi żviluppata d-dimensjoni ta' taġlim tul il-ħajja ta' l-universitajiet;
3. L-importanza li jinħolqu opportunitajiet akbar għan-nisa biex isegwu karrieri fix-xjenza;
4. Il-prinċipju li studenti motivati u ta' talent għandhom ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ta' mobbiltà, irrispettivament mill-isfond soċjali u ekonomiku tagħhom, u l-ħtieġa li tiżdied mhux biss il-mobbiltà ta' l-istudenti, iżda wkoll dik ta' riċerkaturi, għalliema u persunal ieħor ta' l-università;
5. Il-ħtieġa għall-universitajiet li jkollhom awtonomija suffiċjenti, governanza aħjar u kontabbiltà fl-istrutturi tagħhom biex jiffaċjaw ħtiġiet ġodda tas-soċjetà u biex ikunu jistgħu jżidu u jiddiversifikaw is-sorsi tagħhom ta' fondi pubbliċi u privati sabiex inaqqsu d-differenza fil-finanzjament mal-kompetituri ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea;
6. L-importanza ta' Assigurazzjoni ta' Kwalità bħala mutur b'saħħtu għal bidla fl-edukazzjoni

ogħla;

7. Ir-rwol ta' l-universitajiet, permezz ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, fit-trasferiment tal-konoxxenza għall-ekonomija u s-soċjetà bħala kontributor ewlieni għall-kompetittività ta' l-Ewropea u l-ħtieġa għal kooperazzjoni eqreb bejn l-akkademja u d-dinja ta' l-intrapriżi.

JIRRIKONOXXI:

1. il-ħtieġa għal konsistenza fil-ħidma lejn l-Ispazju Ewropew ta' l-Edukazzjoni Ogħla fuq naħa waħda, u l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka fuq in-naħa l-oħra;
2. li l-isfidi maħluqin mill-globalizzazzjoni jeħtieġu li l-Ispazju Ewropew ta' l-Edukazzjoni Ogħla u l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka jinfetħu bis-sħiħ għad-dinja u li l-universitajiet ta' l-Ewropa jimmiraw li jsiru atturi kompetittivi mad-dinja kollha;
3. il-ħtieġa li tiġi aċċellerata r-riforma ta' l-universitajiet mhux biss biex jiġi stimulat il-progress fis-sistema kollha ta' l-edukazzjoni ogħla iżda wkoll biex jitrawmu l-emerġenza u t-tisħiħ ta' istituzzjonijiet Ewropej ta' edukazzjoni ogħla li kapaċi juru l-eċċellenza tagħhom f'livell internazzjonali;
4. il-ħtieġa li tizzied il-mobbiltà ta' l-istudenti, ir-riċerkaturi, l-għalliema u persunal ieħor ta' l-università, filwaqt li fl-istess ħin tiġi rikonoxxuta l-importanza li jkun hemm kompożizzjoni soċjali wiesgħa ta' dawk li jibbenefikaw minn tali mobbiltà;
5. li opportunitajiet mkabbra ta' tagħlim tul il-ħajja, it-twessigħ ta' l-aċċess għal edukazzjoni ogħla għal kulħadd, inklużi studenti mhux tradizzjonali, u t-titjib ta' l-impjegabbiltà, huma objettivi prinċipali ta' politika ta' edukazzjoni ogħla fil-livell Ewropew u nazzjonali.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

1. Jippromwovu eċċellenza fl-edukazzjoni oġhla u r-riċerka bl-iżvilupp ta' istituzzjonijiet u netwerks li kapaċi jikkompetu internazzjonalment u jikkontribwixxu biex jattiraw lejn l-Ewropa l-aqwa talent, u jagħtu lil dawn l-istituzzjonijiet l-awtonomija biex jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom;
2. Jippromwovu l-internazzjonalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni oġhla billi jinkoraġġixxu l-assigurazzjoni tal-kwalità permezz ta' evalwazzjoni indipendenti u reviżjoni bejn il-pari ta' universitajiet, filwaqt li jsaħħu l-mobbiltà, jippromwovu l-użu ta' diplomi konġunti u doppji u jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' kwalifiki u perijodi ta' studju;
3. Jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimmodernizzaw l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni oġhla billi jagħtuhom awtonomija u kontabbiltà akbar biex jippermettulhom:
 - itejbu l-prattiki ta' ġestjoni tagħhom
 - jiżviluppaw il-kapaċità innovattiva tagħhom; u
 - jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex jimmodernizzaw il-kurrikula tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u ta' l-istudenti b'mod aktar effettiv; u biex isaħħu l-aċċess għall-edukazzjoni oġhla, u b'hekk jissodisfaw il-ħtiġiet tal-kompetittività ekonomika u teknoloġika u l-miri usa' tas-soċjetà;
4. Jippromwovu l-kontribut ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla għall-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjeg, kif ukoll għall-ħajja soċjali u kulturali, billi jinkoraġġuhom biex jiżviluppaw u jirrinforzaw sħubiji ma' partijiet oħra, bħas-settur privat, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u s-soċjetà ċivili;
5. Jattwaw inċentivi konkreti biex jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni oġhla biex jinfetħu għal studenti mhux tradizzjonali u studenti adulti u jiżviluppaw iżjed ir-rwol tagħhom fl-edukazzjoni tul il-ħajja filwaqt li jżidu, fejn xieraq, id-diversità tas-sistema ta' l-edukazzjoni terzjarja;
6. Jiżviluppaw ambjenti aħjar ta' taġħlim u riċerka għal studenti u riċerkaturi zgħażaġh, billi jsaħħu taġħlim ibbażat fuq proġetti u involviment bikri fir-riċerka mill-istudenti, speċjalment fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija;

7. Jieħdu miżuri biex jiżguraw li s-sistemi ta' appoġġ għal studenti u riċerkaturi jippromwovu l-parteċipazzjoni l-aktar wiesgħa u ekwa fi skemi ta' mobbiltà, bħal titjib fl-aċċess għal edukazzjoni oġhla għall-istudenti u r-riċerkaturi kollha motivati u b'talent, inklużi dawk b'diżabbiltajiet, irrispettivament mis-sess, id-dħul finanzjarju, l-isfond soċjali jew lingwistiku tagħhom u t-twessigħ tad-dimensjoni soċjali ta' l-edukazzjoni oġhla billi jiġi pprovdut appoġġ aħjar għal studenti u riċerkaturi fl-UE u informazzjoni dwar opportunitajiet ta' studju, mobbiltà u ta' karriera, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar opportunitajiet ta' taħriġ possibbli għal kulħadd. Waħda minn dawn il-miżuri tista' tkun il-kontribut għall-monitoraġġ tad-dimensjoni soċjali fl-edukazzjoni oġhla, sabiex issir disponibbli data komparabbli internazzjonalment dwar dan is-suġġett;
8. Itejbu l-attrattiva ta' sistemi ta' edukazzjoni oġhla Ewropej billi jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet biex jużaw bi sħiħ opportunitajiet ta' kooperazzjoni u mobbiltà, notevolment dawk offruti mill-programm Erasmus Mundus għall-promozzjoni ta' l-eċċellenza akkademika flivell dinji;
9. Jagħmlu użu mill-fondi strutturali għall-immodernizzar ta' l-edukazzjoni oġhla.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex tappoġġa lill-Istati Membri fir-rigward ta' l-aġenda ta' modernizzazzjoni, u b'mod partikolari biex:

1. Tidentifika, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti ta' l-edukazzjoni oġhla u r-riċerka, kif ukoll ma' l-awtoritajiet nazzjonali, il-miżuri possibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-ostakoli li universitajiet fl-Unjoni Ewropea jiffaċċjaw fir-realizzazzjoni tal-modernizzazzjoni tagħhom u fil-kontribut sħiħ għall-miri ta' l-aġenda ta' Lisbona;
2. Tiffaċilita tagħlim reċiproku, fil-kuntest ta' l-Aġenda ta' Lisbona, b'mod partikolari fi ħdan il-programm ta' ħidma Edukazzjoni u Taħriġ 2010 u s-segwitu għall-Green Paper dwar l-ERA, kif ukoll billi tinkoraġġixxi sħubiji bejn l-universitajiet u s-settur ta' l-industrija/privat;

3. Tidentifika miżuri possibbli biex jiġu indirizzati l-ostakoli għall-mobbiltà ta' studenti, għalliema u riċerkaturi madwar l-Ewropa u b'mod partikolari għar-rikonoxximent reċiproku ta' krediti u diplomi u tipprowovi l-iskambju ta' prattiki tajbin f'dan ir-rigward;
4. Tissorvelja u tivvaluta l-impatt ta', flimkien ma' l-istrutturi ta' programm nazzjonali:
- l-isfond soċjali ta' studenti li jipparteċipaw f'ERASMUS,
 - il-kontribut ta' ERASMUS għall-aġenda ta' modernizzazzjoni
 - il-kontribut ta' ERASMUS MUNDUS għall-attrattiva internazzjonali ta' l-Universitajiet Ewropej
- u tirrapporta lill-Istati Membri dwar dan sa nofs l-2008.
-

Sfond Politiku

- (1) L-azzjoni Komunitarja fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija bbażata fuq l-Artikoli 149 u 150 tat-Trattat.
- (2) Il-Kunsilli Ewropej, ta' Lisbona f'Marzu 2000 u ta' Barċellona f'Marzu 2002 rispettivament, qablu li jistabbilixxu mira strateġika għall-Unjoni Ewropea biex issir l-ekonomija bbażata fuq il-konozzenza l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja sa l-2010, biex is-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' l-Unjoni Ewropea jsiru referenza ta' kwalità dinjija sa l-2010 u biex jinħoloq Spazju Ewropew ta' Riċerka u Innovazzjoni.
- (3) Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-mobilizzazzjoni tal-kapaċità intellettuali ta' l-Ewropa: li tippermetti lill-edukazzjoni ogħla biex tagħti l-kontribut sħiħ tagħha għall-istrateġija ta' Lisbona¹, tissottolinja l-importanza tar-riformi għall-edukazzjoni ogħla.
- (4) Il-Kapijiet ta' Stat u Gvern Ewropej, fis-Summit Informali Ewropew f'Hampton Court (UK) f'Ottubru 2005 u l-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007, issottolinjaw l-importanza tat-triangolu ta' konozzenza: edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni għall-kompetittività ta' l-Unjoni Ewropea. Huma stiednu lill-Kummissjoni biex tidentifika azzjonijiet konkreti li jibnu fuq il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "Ir-rwol ta' l-universitajiet fl-Ewropa ta' konozzenza"² u "Il-mobilizzazzjoni tal-kapaċità intellettuali ta' l-Ewropa: li jippermettu lill-universitajiet jagħtu l-kontribut sħiħ tagħhom għall-Istrateġija ta' Lisbona"³.

¹ ĠU C 292/1, 24.11.2005.

² COM(2003) 58 finali.

³ COM(2005) 152 finali.

- (5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-twassil ta' l-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għall-Universitajiet: Edukazzjoni, Riċerka, Innovazzjoni" ta' Mejju 2006⁴, indikat disa' oqsma fejn azzjoni tkun ta' għajna biex jiġu mmodernizzati l-universitajiet. Il-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2006 għamel sejħa għal segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u inkoraġġixxa lill-Istati Membri jippromwovu l-eċċellenza u jrawmu l-modernizzazzjoni, ir-ristrutturar u l-innovazzjoni fis-settur ta' l-edukazzjoni ogħla sabiex jinfetaħ il-potenzjal tiegħu u jiġi sostnut l-impetu ta' l-Ewropa għal aktar tkabbir u impjiegi.
- (6) Il-Green paper tal-Kummissjoni ta' April 2007 "l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka: prospettivi ġodda" serviet bħala bażi għal konsultazzjoni tal-partijiet interessati u dibattitu istituzzjonali u pubbliku wesgħin. Hija tissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol ta' l-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' riċerka fil-promozzjoni ta' l-eċċellenza.
- (7) Ir-Rapport tal-Grupp "Aho" dwar il-Ħolqien ta' Ewropa innovattiva jappella għal interazzjoni aktar qawwija bejn l-universitajiet u partijiet interessati oħra fl-innovazzjoni.
- (8) Il-proċess intergovernattiv ta' Bolonja ta' 46 pajjiż parteċipant irriżulta fi progress lejn li l-edukazzjoni ogħla Ewropea ssir aktar kompetittiva internazzjonalment u fir-riforma ta' xi aspetti ta' l-edukazzjoni ogħla, inklużi l-miżuri biex tiżdied il-mobbiltà u biex iċ-ċittadini ta' l-Ewropa jsira aktar impjegabbli permezz tal-ħolqien ta' Spazju Ewropew ta' l-Edukazzjoni Ogħla.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja 2007-2013⁵ hija bbażata fuq il-premessa li soċjetà ta' konoxxenza avanzata hija ċ-ċavetta għal rati ogħla ta' tkabbir u impjieg, u li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma prijoritajiet essenzjali għall-Unjoni Ewropea sabiex jinkisbu l-miri ta' Lisbona.

⁴ COM(2006) 208 finali.

⁵ Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE, ĠU L 327/45, 24.11.2006.

- (10) Il-programm Erasmus fi ħdan il-programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja jsegwi l-objettivi doppji ta' appoġġ għall-ksib ta' Spazju Ewropew ta' Edukazzjoni Ogħla u ta' rinforz tal-kontribut ta' l-edukazzjoni ogħla u l-edukazzjoni vokazzjonali avvanzata għall-proċess ta' innovazzjoni, u għal dan il-għan jappoġġa b'mod partikolari mobbiltà fuq skala kbira ta' persunal u studenti ta' l-università kif ukoll proġetti multilaterali u netwerks li jiffokaw fuq l-innovazzjoni, l-esperimentazzjoni, l-iżvilupp ta' kunċetti u kompetenzi ġodda u l-modernizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla fl-Ewropa.
- (11) Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013), bil-Programm Speċifiku "Ideat" u l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka bbażati fuqha, tipprovdi strumenti importanti ġodda li ser jinfluwenzaw l-attivitajiet ta' riċerka fl-universitajiet Ewropej.
- (12) Il-Kummissjoni għamlet proposta f'Novembru 2006⁶ biex tistabbilixxi l-Istitut Ewropew ta' Teknoloġija biex tippromwovi attivitajiet integrati ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni ogħla, u l-Kunsill Kompetittività qabel fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2007 dwar approċċ ġenerali fir-rigward tal-proposta.
- (13) Il-proposta tal-Kummissjoni li jiġġedded il-programm Erasmus Mundus għall-perijodu 2009 - 2013 timmira li ssaħħaħ il-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' l-intendiment interkulturali, filwaqt li tikkontribwixxi biex is-sistemi Ewropej ta' l-edukazzjoni ogħla jkunu attraenti u biex ikun hemm eċċellenza akkademika permezz ta' kooperazzjoni innovattiva u estensiva ma' pajjiżi terzi.
- (14) Il-Kontribut tal-Kummissjoni għal-Laqgħa ta' Ottubru tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern li saret fit-18-19 ta' Ottubru f'Lisbona "L-Interess Ewropew: Li tirnexxi fi żmien il-globalizzazzjoni", b'mod partikolari t-taqsimha dwar "Aktar R & Ż u innovazzjoni" enfasizza l-importanza tal-modernizzazzjoni ta' l-edukazzjoni ogħla fid-dimensjoni esterna ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.

⁶ COM(2006) 604 finali/2.